

Brussell, 12 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9902/1/23
REV 1

ECOFIN 507
UEM 136
SOC 377
EMPL 255
COMPET 516
ENV 561
EDUC 205
RECH 226
ENER 282
JAI 714
GENDER 89
ANTIDISCRIM 87
JEUN 123
SAN 301

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	NOTA TA' SPJEGAZZJONI TAL-KUNSILL Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' Nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2023, kif imħejji fil-livell tal-Kumitat u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Nota ta' spjegazzjoni

*Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill
lill-Istati Membri fil-qafas tas-semestru Ewropew 2023*

L-Artikolu 2-ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsimha "Djalogu ekonomiku", jgħid li "*Il-Kunsill huwa mistenni li, bħala regola, jsegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod pubbliku*".

Fir-rigward ta' din ir-regola "ikkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) dwar l-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2023 li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

SILTA MIR-RAKKOMANDEZZJONI SPEĊIFIKA GĦALL-PAJJIŻ 1

Għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja, l-Iżvezja

Test tal-Kummissjoni:

Inaqqsu gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ sa tmiem l-2023, u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċit tal-gvern.

Test maqbul:

Inaqqsu gradwalment il-miżuri **urġenti** [*bidla maqbula mill-Kummissjoni*] ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ [...], u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċit tal-gvern, **malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024**.

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni ġie emendat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju biex jirrifletti l-fatt li diversi Stati Membri għandhom fis-seħħ xi miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija li huma previsti, mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti rilevanti, li għandhom ikunu fis-seħħ wara l-2023. Dan huwa dovut ukoll għall-fatt li l-istaġun tat-tisħin jestendi lil hinn minn tmiem l-2023.

Għad-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja, l-Iżvezja

Test tal-Kummissjoni:

Itemmu l-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ sa tmiem l-2023.

Test maqbul:

Itemmu l-miżuri **urġenti** [bidla maqbula mill-Kummissjoni] ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, [...] **malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024.**

Spjegazzjoni:

L-istess raġuni bħal dik għall-Istati Membri l-oħra tispjega l-emenda li saret għat-test tar-rakkomandazzjoni indirizzata lid-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja u l-Iżvezja. Madankollu, peress li diġà laħqu l-Objettiv Baġitarju ta' Terminu Medju (MTO) tagħhom, ir-rakkomandazzjoni tagħhom ma tinkludix ir-referenza għall-użu tal-iffrankar relatat li jirriżulta mit-tnaqqis gradwali ta' miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija.